

31982D0457

12.7.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 204/27

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-14 ta' Ġunju 1982****li taċċetta f'isem il-Komunità r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni
Doganali li għandha' taqsim ma' ħtiġiet doganali rigward fatturi kummerċjali**

(82/457/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali li għandha x'taqsim ma' ħtiġiet doganali rigward fatturi kummerċjali tista' tiġi aċċettata mill-Komunità b'effett immedjat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali tas-16 ta' Mejju 1979 li għandha x'taqsim ma' ħtiġiet doganali rigward fatturi kummerċjali hija permezz ta' din id-Deċiżjoni aċċettata f'isem il-Komunità b'effett immedjat.

It-test tar-rakkomandazzjoni msemmija huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tinforma s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali bl-aċċettazzjoni mill-Komunità b'effett immedjat tar-rakkomandazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Ġunju 1982.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. de KEERSMAEKER

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL GĦALL-KOOPERAZZJONI DOGANALI

TAS-16 TA' MEJJU 1979

LI GĦANDHA X'TAQSAM MAL-ĦTIĠIET DOGANALI RIGWARD FATTURI KUMMERĊJALI

IL-KUNSILL GĦALL-KOOPERAZZJONI DOGANALI,

Xewqan li jiffaċilita l-kummerċ internazzjonali billi jagħmilha possibbli għas-setturi kummerċjali li jimpjegaw metodi moderni ta' riproduzzjoni u trasmissjoni ta' informazzjoni,

Wara li qies, *inter alia*, l-isforzi li qed isiru fil-livell internazzjonali sabiex jippermettu li d-dokumenti kollha meħtieġa għal operazzjoni kummerċjali internazzjonali jkunu preparati minn *master* wieħed permezz tal-metodu '*one-run*',

Wara li qies ir-rakkomandazzjoni dwar il-firem u l-awtentikazzjoni adottata f'Marzu 1979 mill-Grupp tax-Xogħol fuq il-Faċilitazzjoni tal-Proċeduri tal-Kummerċ Internazzjonali tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, li tinnota b'mod partikolari li l-adozzjoni ġenerali ta' metodi mekkaniċi jew elettroniċi ta' trasferiment ta' informazzjoni tirrikjedi bidliet fil-prattika preżenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-firem miktuba bl-idejn,

Wara li kkunsidra li l-ħtieġa ta' firma fuq il-fattura kummerċjali għall-finijiet tad-dwana ma' tagħti lid-dwana l-ebda garanzija partikolari ta' preċiżjoni,

JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI GĦANDHOM:

1. JAĊĊETTAW IL-FATTURI KUMMERĊJALI PRODOTTI B'KULL PROĊESS, PER EŻEMPJU IL-METODU 'ONE-RUN', FIL-KAŻIJET FEJN IL-PREŻENTAZZJONI TAL-FATTURA KUMMERĊJALI TKUN MITLUBA B'KONNESSJONI MAL-IŻDOGANAR TA' L-OĠĠETTI;
2. jibqgħu lura milli jitolbu firma, għall-finijiet tad-dwana, fuq il-fatturi kummerċjali preżentati b'sostenn ta' dikjarazzjoni dwar oġġetti,

JITLOB

LI l-Istati Membri li jaċċettaw din ir-rakkomandazzjoni jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali bl-aċċettazzjoni tagħhom, mid-data li minnha jibdew japplikaw ir-rakkomandazzjoni, u tal-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tagħha. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrasmetti din l-informazzjoni lill-amministrazzjonijiet doganali ta' l-Istati Membri.